**24 ta' Ġunju, 1961**

**Imħallef :—**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

John Dimech

**Riċettazzjoni — Element Intenzjonali.**

*l-propożizzjoni illi l-lum il-ġurnata kullħadd jagħmel xi xogħol ieħor barrani biex ikabbar il-qliegħ tiegħu u li għalhekk, f'materja ta' riċettazzjoni, ma għandhiex sinifikat iċ-ċirkustanza li min ibiegħ xi oġġetti ma jkunx persuna li soltu tittraffika f'dawn l-oġġetti, ma hix tant dilagata li tista' tiġi riferita b'mod ġenerali; u l-fatt li x'uħud jagħmlu xogħol barrani għall'infuori tal-okkupazzjonijiet tagħhom ordinarji*

*ma jneħħi xejn mil-valur tal-kriterju tradizzjonali adoperat f'din il-materja ta' riċettazzjoni, illi, cjoè, min jixtri minn għand persuni suspetti, jew jindaħal fit-traffiku ta' oġġetti li jkunu għand persuni suspetti, jagħmel dan għar-riksju tiegħu.*

*Meta l-persuna li tirċievi oġġett ikollha suspett, anzi tkun taħseb li l-persuna li tatgħa dak l-oġġett kienet ġiet fil-pussess tiegħu illeġittimament, u ntant tilqa' dak l-oġġett mingħajr ma tagħmel xejn biex taċċerta li l-pussess ta' dik il-persuna l-oħra kien leġittimu, u mhux kif kienet taħseb hi, allura hemm l-element tax-"scienter" rikjest għall-integrazzjoni tar-reat ta' riċettazzjoni.*

Il-Qorti:— Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta bħala Qorti Istruttorja kontra John Dimech, talli f'Birkirkara, f'dawn l-aħħar sentejn xjentement laqa' għandu, jew xtara, "buffer" tal-elettriku, tal-valur iżjed minn £3 iżda anqas minn £10, proprijetà ta' Francis Dingli; liema "buffer" kien ġie misruq, meħud b'qerq, jew akkwistat b'reat; u xjentement, b'kull mod ieħor li jkun, indaħal biex ibiegħu jew jixtrieh;

Rat ir-rinviju tal-Attorney General tas-6 ta' Mejju 1961, li bih l-imsemmi Dimech ġie rinvijat quddiem il-Qorti fuq imsemmija bħala Qorti ta' Gudikatura Kriminali biex jirrispondi tal-ħtija li tista' tirriżulta kontra tiegħu taħt dak li hemm maħsub fl-art. 348(a), b'riferenza għall-art. 298 tal-Kodiċi Kriminali;

Rat l-attijiet tal-kumpilazzjoni magħmula kontra l-imputat;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-18 ta' Mejju 1961, li biha sabet lill-imputat ħati talli xjentement indaħal fil-bejgħ ta' "sand grinder" li kien misruq, u kkundannatu għall-piena tal-lavuri furzati għal żmien xahrejn;

Rat ir-rikors tal-imputat, li bih appella u talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, u li hu jiġi liberat;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Id-difiża (Dr. J. Pullicino) issottomettiet żewġ riljevi biex timpunja l-konklużjoni tal-Ewwel Qorti; wieħed illi, fiċ-ċirkustanzi taż-żmienijiet preżenti, ma tantx jista' jingħad li Chricchiola, li biegħ dan il-"grinder", ma kienx bniedem li seta' jkollu affarijiet simili; u l-ieħor li dik il-Qorti ma għamletx sewwa meta, għall-finijiet tal-element tax-xjenza tal-provenjenza illeġittima, ikkuntentat ruħha bil-fatt biss li l-appellant kellu suspett;

L-ewwel propożizzjoni hi insostenibbli; it-tieni hi skorretta, u mhux ġusta għall-Ewwel Qorti, għax fis-sentenza appellata hemm aktar milli qalet id-difiża;

Kwantu għall-ewwel propożizzjoni;

Id-difiża osservat li l-lum il-ġurnata kulħadd jagħmel xi xogħol ieħor barrani biex ikabbar il-qliegħ tiegħu, u għalhekk ma għandiex sinifikat iċ-ċirkustanza li min ibiegħ ma jkunx persuna li soltu tittraffika f'dawk l-oġġetti. Il-Qorti tirrileva li dan l-orjentament ġdid ma hux tant dilagat li jiġi riferit b'mod ġenerali. Tirrileva wkoll li l-fatt li x'uħud jagħmlu xogħol barrani all'infuori tal-okkupazzjonijiet tagħhom ordinarji, ma jneħħi xejn mill-valur tal-kriterju tradizzjonali adoperat f'din il-materja, illi, ċjoè, min jixtri minn għand "persuni suspetti", jew jindaħal fit-traffiku ta' oġġetti li jkunu "għand persuni suspetti", jagħmel dan għar-riskju tiegħu. Minbarra li dan hu kriterju ta' bonsens hu anki tradizzjonali, kif juru d-dispożizzjonijiet tal-liġijiet viġenti hawn Malta fiż-żmienijiet antiki; hekk fil-"Prammatiche" tal-Gran Mastru Manoel De Vilhena (1724), Tit. XXII para. XIV; u fil-Kodiċi tal-Gran Mastru De Rohan, Lib. V, Capo V, para. XXIII-XXIV-XXVI-XXX, fejn tiġi wżata l-frażi "persone sospette". Jibqa' wkoll dejjem qawwi l-kriterju enunċjat bil-kliem li jeħtieġ li l-persuna tkun "verosimilment" sid il-ħaġa;

Kwantu għat-tieni riljev ma hux ġust li jingħad li l-Maġistrat għamel ix-xjenza tikkonsisti f'suspett biss. Fis-

sentenza appellata jingħad li, meta l-appellant irċieva dan il-mutur, kellu suspetti, anzi kien jaħseb li Chricchiola kien ġie fil-pussess tal-mutur illegalment...... u ntant, kompla jgħid il-Maġistrat, l-imputat ma għamel xejn biex jaċċerta li l-pussess ta' Chricchiola kien leġittimu, u mhux kif ħaseb hu. Dan ir-raġunament hu korrett; għaliex, kif jingħad fid-dottrina u l-ġurisprudenza, "there is a suspicion which the defendant deliberately omits to turn into certain knowledge. This is frequently expressed by saying that he shut his eyes, or that he was 'wilfully blind'. Lord Hewart, C.J., expressed it by saying that the respondent deliberately refrained from making enquiries the result of which he might not care to have" (Glanville Williams, Crim. Law, p. 127);

Per tutt'altro, din il-Qorti tadotta r-raġunamenti u konklużjonijiet tal-Ewwel Qorti;

Għalhekk tiddeċidi billi tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.